32002D0985

18.12.2002 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 343/31

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-10 ta' Diċembru 2002
## li temenda d-Deċiżjoni 2001/368/KE, Euratom dwar l-aġġustament fl-allowances imħallsa lill-membri u lis-sostituti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2002/985/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 258 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba magħmula mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Lulju 2002,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Lulju 2002 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bagħat memorandum li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/368/KE, Euratom tas-7 ta' Mejju 2001 dwar l-aġġustament ta' l-*allowances* imħallsa lill-membri u lis-sostituti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [1], li fih talab li tinżamm is-sistema preżenti.

(2) Waqt li jaċċetta li r-rimborżi permezz ta' *allowances* ta' kull jum jistgħu jiġu bbażati fuq l-ispejjeż attwali magħmula milli fuq arranġament ta' rata fissa, l-Kunsill madanakollu jqis li, għal raġunijiet prattiċi, is-sistema preżenti għandha tinżamm,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2001/368/KE, Euratom huwa b'dan imħassar.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

Magħmula fi Brussel, l-10 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. S. MØLLER

(1) ĠU L 130, 12.05.01, p. 39.